

Brussell, 10 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

9565/26

RECH 241
ASIE 20

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	8827/26 + ADD 1
Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mal-Indja għal ftehim dwar il-parteċipazzjoni tal-Indja fi programmi tal-Unjoni u dwar l-assoċjazzjoni tagħha mal-Pilastru II ta' Orizzont Ewropa - Adozzjoni

1. Fl-4 ta' Mejju 2026, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill rakkommandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ tan-negozjati għal ftehim bejn l-Unjoni u r-Repubblika tal-Indja dwar il-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Indja fi programmi tal-Unjoni u dwar l-assoċjazzjoni tagħha mal-Pilastru II ta' Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2021-2027)¹.
2. Id-deċiżjoni tippermetti lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati mar-Repubblika tal-Indja dwar il-parteċipazzjoni tagħha fil-programmi tal-Unjoni u b'mod partikolari fil-Pilastru II ta' Orizzont Ewropa.
3. Il-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Riċerka qabel dwar it-test wara konsultazzjoni bil-miktub li ġiet konkluża fit-13 ta' Mejju 2026.

¹ 8827/26 + ADD 1.

4. L-abbozz ta' deċiżjoni jispeċifika li r-rwol tal-kumitat speċjali, li l-Kummissjoni għandha tikkonsulta matul in-negozjati mar-Repubblika tal-Indja f'konformità mal-Artikolu 218(4) TFUE, għandu jiġi eżerċitat kemm mill-Grupp ta' Ħidma dwar l-Asja u l-Oċeanja, għal kwistjonijiet marbuta mal-kundizzjonijiet ġenerali għall-parteciċipazzjoni tar-Repubblika tal-Indja fi kwalunkwe programm tal-Unjoni, kif ukoll mill-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Riċerka, għal kwistjonijiet marbuta mal-kundizzjonijiet speċifiċi tar-Repubblika tal-Indja f'Pilastru II tal-programm Orizzont Ewropa.
5. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jirrakkomanda li l-Kunsill, fil-parti "A" tal-aġenda ta' laqgħa li jmiss, jadotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ tan-negozjati għall-ftehim bejn l-Unjoni u r-Repubblika tal-Indja dwar il-parteciċipazzjoni tar-Repubblika tal-Indja fi programmi tal-Unjoni u l-assoċjazzjoni tar-Repubblika tal-Indja mal-Pilastru II ta' Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2021-2027), kif rivedut mill-ġuristi lingwisti u kif jinsab fid-dokument 9373/26 u d-direttivi ta' negozjati kif jinsabu fid-dokument 9373/26 ADD 1.
6. Il-Parlament Ewropew ser jiġi infurmat f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE. Id-Deċiżjoni u d-direttivi ta' negozjati ser jintbagħtu lill-Parlament Ewropew.
7. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill ser tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali f'konformità mal-Artikolu 17(2)(b) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill.